MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 19

It-Tlieta 21 ta' Lulju 2020

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex nhar it-Tlieta 21 ta' Lulju 2020 fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 19.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

19.1.1 Il-Kunsill irċieva ittra ta' apoloġija mill-Kunsillier Mark Busuttil li ma setax jattendi minħabba raġunijiet personali. Il-membri preżenti aċċettaw l-apoloġija.

### 19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

19.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 18 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

19.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

19.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 19.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

19.3.1 Is-Sindku, s-Sur Damien Spiteri informa lill-membri li l-Kunsill issottometta l-applikazzjoni għall-fondi kulturali taħt l-iskema "Premju tal-President għall-Kreattivita'".

19.3.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li għaddej ix-xogħol ta' bini ta' ħitan tas-sejjieħ fil-Wied tax-Xlendi mill-ħaddiema tal-Ministeru Għal Għawdex. Huwa ssuġġerixxa li jsiru *reflectors* matul dan il-ħajt. Kien hemm qbil dwar dan.

19.3.3 Is-Sindku informa lill-membri li wara li kien saret l-applikazzjoni għall-fondi ewropej taħt il-miżura 4.4 biex jinbnew ħitan tas-sejjieħ fi Triq ix-Xadba, il-Kunsill irċieva l-ittra tal-approvazzjoni ta' dawn il-fondi. Is-Sindku qal li l-Perit tal-Kunsill ser jibda l-proċess biex jinkisbu l-permessi neċessarji, kif ukoll jinħarġu s-sejħiet għall-offerti.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

19.3.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li saret laqgħa ma' Environmental Landscapes Consortium li jieħdu ħsieb xi soft areas fil-lokalita' wara li talbu għal żieda fil-ħlasijiet lilhom minħabba li kienu qed joperaw bi stima ta' ħames snin ilu. Ġie milħuq ftehim bejn il-partijiet sabiex il-prezz fis-sena għas-servizzi tagħhom ikun ta' €1,500 inkluż il-VAT u max-xogħlijiet preżenti jiżdied iż-żamma ta' Ġnien Ragalna. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan il-ftehim.

19.3.5 Dwar il-proġett tal-Pjazza tal-Knisja, is-Sindku kkonferma flimkien mal-membri d-deċiżjoni meħuda f'laqgħa precedenti biex jiġu rilokati s-siġar preżenti tal-ficus għal ħdejn il-*playingfield* u minflokhom isiru siġar li ma jattirawx għasafar u li ma jħamġux wisq. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

19.3.6 Is-Sindku ressaq suġġeriment għall-kunsiderazzjoni tal-membri biex fi Triq Ras il-Bajjada faċċata ta' Triq Ta' Luvier isiru *double yellow lines* minħabba li qed isir parkeġġ dik in-naħa u l-karozzi tal-linja qed isibuha diffiċli biex jgħaddu. Kien hemm qbil dwar dan.
Fl-istess inħawi s-Sindku ressaq talba biex isir metru *double yellow line* ma' naħa waħda tal-garaxx iżda wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil mill-membri sabiex jiġu kkonsultati l-ġirien qabel dawn isiru.

## 19.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

19.4.1 Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Carmen Parnis, ressqet suġġeriment sabiex tiġi organizzata ħarġa għal Malta għar-residenti. Wara diskussjoni dwar dan is-suġġeriment, kien hemm qbil mill-membri sabiex issir fl-4 ta' Settembru 2020 u l-programm jitfassal aktar 'il quddiem.

19.4.2 Il-Kunsillier, is-Sinjura Juliet Attard ġibdet l-attenzjoni li minħabba li parti minn Triq ir-Rabat qed tkun magħluqa għat-traffiku f'ċertu ħinijiet, l-vetturi qed jgħaddu mill-parti d-dejqa tal-parkeġġ u minħabba li hemm isir parkeġġ fuq iż-żewġ naħħat qed tkun diffiċli li tgħaddi vettura. Is-Sindku ppropona li ssir laqgħa fuq il-post mal-uffiċċjali ta' Transport Malta biex insibu soluzzjoni. Kien hemm qbil dwar dan.

19.4.3 Il-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi, ġibed l-attenzjoni dwar l-ilqugħ tad-

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

drapp li sar taħt iċ-ċint tal-*front* tal-bajja tax-Xlendi biex dawk li jkunu jgħumu jħallu l-affarijiet personali tagħhom ġo fiha. Huwa qal li kieku saret xibka kienet tkun konvenjenti aktar. Is-Sindku qal li hekk kien il-ħsieb primarjament iżda l-parir li ngħata mill-uffiċċjal tal-Ministeru Għal Għawdex kien li b'xibka l-affarijiet jiddendlu minħabba li ma tkunx soda. Is-Sur Cauchi qal li jeżistu xbieki reżistenti u għaldaqstant kien hemm qbil mill-membri sabiex jekk fil-futur din tinbidel issir xibka.

19.4.4 Il-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi ressaq suġġeriment ukoll wara li ġie avviċinat minn resident sabiex tinbidel bankina fi Triq Ras il-Bajjada minn dik tal-bricks għal waħda bil-madum. Is-Sindku qal li ma jistax ikun li bankina tkun għadha fi stat tajjeb u l-Kunsill irid jidħol għal spiża simili u għaldaqstant kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex tintalab gwida mid-Direttur Ġenerali tal-Ministeru Għal Għawdex dwar dawn it-talbiet li qed isiru.

## 19.5 Ittra ta' direzzjoni mill-Awdituri u r-risposta tal-Kunsill;

19.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-ittra ta' direzzjoni mill-Awdituri fejn saru xi rimarki dwar l-audit li sar għas-sena 2019. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta risposta ssuġġerita li għandha tintbagħat lill-awdituri. Il-Kunsill qabel mar-risposta u ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 19.6 Ir-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur: Jannar 2020 – Marzu 2020;

19.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra r-rapport finanzjarju tat-tlett xhur mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Marzu 2020. Wara spjega tar-rapport u diskussjoni bejn il-membri, ir-rapport finanzjarju tat-tlett xhur : Jannar 2020 – Marzu 2020 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 19.7 Ir-Rapport Annwali Amministrattiv 2019;

19.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta ir-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2019. Flimkien miegħu ġew annessi r-rapporti ta' ħidma tal-

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

membri tal-Kunsill li kienu ppreżentati u approvati f'laqgħa aktar kmieni din is-sena.

Bi qbil mill-membri preżenti, il-Kunsill approva r-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2019 hekk kif preżentat, u ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 19.8 Korrispondenza, ilmenti u rapporti;

19.8.1 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'notifika li Ryan Debrincat ġie appuntat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Il-Munxar b'effett mill-1 ta' Lulju 2020. Fl-istess korrispondenza ġie anness l-avviż li ser jiġi ppubblikat fuq il-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll l-ittra u l-kuntratt tal-bidu tal-impjieg li ġie iffirmat mis-Sindku. Il-Kunsill innota dan.

19.8.2 Applikazzjonijiet għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Attivita' Soċjali – Triq il-Madonna tal-Karmnu, il-Munxar – 25 ta' Lulju 2020;

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u l-Pulizija ma jsibu l-ebda oġġezzjoni.

19.8.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Perit Robert Grech bit-*traffic management plan* ta' Triq il-Munxar. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta din il-pjanta fuq il-mejda tal-kamra u kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex din tintbagħat għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

19.8.4 Il-Kunsill irċieva d-deċiżjoni tal-arbitru dwar in-nuqqas ta' qbil bejn il-Kunsill u Saviour Spiteri fuq il-kejl tax-xogħol li kien sar minnu taħt il-kuntratt MXR/008/2015 'Upgrading ta' Triq Zagħwri Nature Walk (second phase)'.

***Qabel ma' bdiet id-diskussjoni fuq dan is-suġġett, is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, iddikjara kunflitt ta' interess f'din il-kwistjoni u rtira mill-kamra tal-laqgħa.***

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-kontenut ta' din id-deċiżjoni fejn il-Kunsill dak iż-żmien kien ħass li x-xogħol ta' bini ta' ħitan tas-sejjiegħ kellu jitkejjel f'sens linejari. L-arbitru ma qabilx ma' dak li kien qed jikkontesta l-Kunsill u elenka diversi punti fid-deċizjoni tiegħu fosthom li ma hemmx prassi fissa dwar il-mod ta' kejl, ma kienx hemm referenza għal dan fis-sejħa għall-offerti, u, li peress li kien hemm it-

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

tielet wiċċ miftuħ ried ikun kostruwit b'mod aktar rigoruż.
Għaldaqstant ġie deċiż mill-arbitru li l-ammont ta' €5,300 għandu jitħallas mill-Kunsill Lokali Il-Munxar lill-kuntrattur rikorrenti, flimkien mal-ispejjeż tal-arbitraġġ, skond it-taxxa tal-ispejjeż maħruġa miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta, li jammontaw għal €1,239.66. Il-membri tal-Kunsill li kienu preżenti nnutaw din id-deċiżjoni u kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jimxi skont din id-deċiżjoni tal-arbitru u jsiru l-pagamenti dovuti.

19.8.5 Il-Kunsill irċieva r-*risk assessment report* mingħand il-*Health and Safety Officer* tal-proġett tar-restawr tat-torri tax-Xlendi. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex dan jintbagħat lill-kuntrattur biex jimxi mar-rakkomandazzjonijiet ta' dan ir-rapport.

19.8.6 Il-Kunsill hejja addendum ieħor, tal-kuntratt iffirmat mal-Perit tal-proġett tar-restawr tat-torri, sabiex tiġi rregolata l-iskeda ta' kif ser ikun qed jitħallas għas-servizzi tiegħu. Dan minħabba li sa issa l-Perit għadu ma rċieva l-ebda pagament għax-xogħol li wettaq u biex il-Kunsill ikun konformi mal-proċeduri. Is-Segretarju Eżekuttiv spejga dan id-dokument u kien hemm qbil mill-membri dwaru u biex dan jiġi ffirmat.

19.8.7 Il-Kunsill Lokali irċieva talba maħruġa minn Transport Malta fuq isem l-applikant biex issir *reserved parking bay* fi Triq ir-Ranċiż fix-Xlendi. Il-membri tal-Kunsill iddiskutew din it-talba u ġie deċiż biex il-Kunsill Lokali Il-Munxar joġġezzjona għal din it-talba u jisħaq li din m'għandhiex issir minħabba li fi triq twila 70 metru hemm diġa' żewġ *reserved parking bays*.

19.8.8 Il-Kunsill irċieva stima mingħand Solidbase Laboratory Ltd biex isiru testijiet fuq l-asfalt ta' Triq il-Munxar li tammonta għal €418.90. Din l-istima ntalbet wara rakkomandazzjoni mill-Perit tal-Kunsill sabiex ikun jista' jagħlaq il-verifiki u jiċċertifika x-xogħol li sar f'din it-triq. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

***Il-Kunsillier Joseph Cauchi talab lill-membri jiskużawh iżda minħabba impennji oħra kellu jitlaq mil-laqgħa. Il-ħin kien 6.30pm.***

19.8.9 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar avviż li nħareġ mill-Awtorita' tal-Artijiet fejn qed jiġi komunikat li s-servizz reġa' beda jingħata mill-Kunsilli Lokali mit-23 ta' Ġunju 2020.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

Il-Kunsill innota l-kontenut.

19.8.10 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) fejn qed issir talba għall-għajnuna tal-Kunsilli Lokali waqt laqgħat pubbliċi virtwali onlajn fuq konsultazzjonijiet pubbliċi. Il-membri tal-Kunsill innotaw il-kontenut iżda minħabba l-limitazzjonijiet li għandu l-Kunsill, din l-għajnuna ma tistax tingħata.

19.8.11 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-kumpanija tal-assigurazzjoni dwar l-inċident li seħħ fi Triq ir-Rabat fix-Xlendi meta waqt ix-xogħol taż-żbir waqgħet werqa tal-palm fuq l-istruttura tal-ħġieġ ta' ristorant u ikkawżat ħsara. Wara li l-Kunsill ġab stima tal-ispiża nvoluta, il-kumpanija tal-assigurazzjoni wieġbet li skont il-polza l-ammont ta' €223.49 ma jistax jiġi mitlub u għandu jitħallas mill-Kunsill. Il-Kunsill innota dan u kien hemm qbil mill-membri sabiex dawn l-ispejjeż jitħallsu mill-Kunsill.

19.8.12 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta wara t-talba li kienet saret mill-Kunsill biex it-tabelli tal-għeluq ta' Triq ir-Rabat għall-perjodu tas-Sajf jinbiddlu. Wara diskussjoni bejn il-membri dwar il-format tat-tabella suġġerita minn Transport Malta stess, kien hemm qbil mill-membri sabiex issir laqgħa ma' Transport Malta fuq il-post.

19.8.13 MFIN Circular 02/2020 – Re. Use of private vehicles on official business. Il-Kunsill innota l-kontenut.

19.8.14 ECP Malta – Invitation to the ECP Malta online webinar 28th July 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

19.8.15 MGOZ Secretariat – Press Call Xlendi Sunset Festival & I Love Xlendi events. Il-Kunsill innota l-kontenut.

19.8.16 DLG – LC Care Project Grant Support Scheme. Il-Kunsill innota l-kontenut.

19.8.17 Ċirkulari Nru AKL 2020/076 – Letter to LC's – VisitMalta Now Celebrations – 1st July 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

19.8.18 Ċirkulari Nru AKL 2020/077 – Artiklu fuq il-ġurnal – Il-Ħidma tal-Kunsilli Lokali matul il-Covid 19. Il-Kunsill innota l-kontenut.



KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

19.8.19 Ċirkulari Nru AKL 2020/078 – Kontroll fuq il-ħamiem selvaġġ. Il-Kunsill innota l-kontenut.

19.8.20 Ċirkulari Nru AKL 2020/079 – Important notice regarding submission of Health Claims. Il-Kunsill innota l-kontenut.

19.8.22 Ċirkulari Nru AKL 2020/080 – Depożitu ta' Muniti – BOV. Il-Kunsill innota l-kontenut.

19.8.23 Ċirkulari Nru AKL 2020/081 – Korsijiet akreditati fuq livell minn MQF 4 sa MQF  - Sponsorship mill-AKL għall-applikanti. Il-Kunsill innota l-kontenut.

19.8.24 Ċirkulari Nru AKL 2020/082 – MCAST Lulju 20/21 fil-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

19.8.25 Ċirkulari Nru AKL 2020/083 – Workshop BOV fuq Depożiti ta' Flus. Il-Kunsill innota l-kontenut.

19.8.26 Ilment 07/2020
Jitlob biex tiċċaqlaq il-bozza tat-triq jew issir *hood* magħha minħabba li qed tagħti d-dawl direttament għal ġol-kamra tas-sodda u din il-kamra ma tistax tintuża' għall-irqad. Il-membri saħqu li dawn il-bozoz tat-triq kienu saru mill-Kunsill Reġjonali wara studju mit-tekniċi.

19.8.27 Ilment 08/2020
Titlob sabiex issir *yellow parking bay* quddiem il-garaxx tagħha minħabba li qed jipparkjaw quddiemu avolja hemm tabella biex ma jsirx parkeġġ. Ġie deċiż mill-membri sabiex tintbagħat lil Transport Malta u tikkunsidra din it-talba skont id-definizzjonijiet tagħha għal din il-kaxxa.

19.8.28 Ilment 09/2020
Jitlob sabiex isir xogħol ta' żbir tal-arbuxell li hemm fi Triq il-Qsajjem minħabba l-periklu għall-vetturi li jgħaddu minn din it-triq. Il-Kunsillier Juliet Attard qalet li ser tavża lis-sid biex jagħmel hu dan ix-xogħol ta' żbir u jneħħi l-periklu. Kien hemm qbil mill-membri.

19.8.29 Ilment 10/2020
Tissuġġerixxi sabiex isiru miżuri li jnaqqsu s-sewqan eċċessiv fi Triq San

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

Pawl. Is-Sindku wieġeb li hekk kif diskuss f'laqgħa precedent, Triq San Pawl ser tiġi nkluża fil-proġett 'Slow Streets' imniedi mill-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali flimkien mal-Gvern Ċentrali u Transport Malta.

19.8.30 Ilment 11/2020
Jitlob biex issir bankina ġdida fi Triq Kolaċi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir it-talba fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex.

19.8.31 Ilment 12/2020
Jitlob biex issir tappiera għal toqba tal-ilma li hemm fi Triq Ras il-Bajada. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

19.8.32 Ilment 13/2020
Jitlob biex issir bankina ġdida fi Triq Dun Spir Gauci. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir it-talba fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex.

19.8.33 Ilment 14/2020
Jitlob biex isiru double yellow lines fil-kantuniera ta' Triq Rinota u Triq Dun Spir Gauci. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

**19.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

19.4.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 19/2020-8 għall-perjodu bejn il-25 ta' Ġunju 2020 u s-16 ta' Lulju 2020 li tammonta għal €15,206.85 ġiet approvata u ffirmata.

**19.5 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

19.5.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta 25 t'Awwissu 2020 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, it-Tlieta 25 t'Awwissu 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR